

Brussell, 13 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13787/25

SIMPL 137	ENER 519
ANTICI 147	ENT 216
AGRI 481	ENV 995
AGRIFIN 109	FIN 1185
BETREG 38	IA 156
CHIMIE 104	IND 424
CLIMA 430	INDEF 116
COH 188	JAI 1377
COMPET 1003	MAP 85
CONSOM 214	MI 769
CSC 507	POLCOM 297
DATAPROTECT 249	SAN 622
DRS 85	TELECOM 350
ECO 45	TRANS 462
ECOFIN 1336	CODEC 1495
EF 337	

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pakketti leġiżlattivi ta' simplifikazzjoni Omnibus - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. F'Ottubru 2024, bl-għan li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, il-Kunsill Ewropew appella "lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex, bħala kwistjoni ta' prijorità, imexxu 'l quddiem il-ħidma, partikolarment b'reazzjoni għall-isfidi identifikati fir-rapporti minn Enrico Letta ('Much more than a market') u minn Mario Draghi ('The future of European competitiveness')".

Sussegwentement, id-dikjarazzjoni ta' Budapest tat-8 ta' Novembru 2024 appellat biex "titnieda rivoluzzjoni ta' simplifikazzjoni, niżguraw qafas regolatorju ċar, sempliċi u intelliġenti għan-negozji u nnaqqsu b'mod drastiku l-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rapportar, b'mod partikolari għall-SMEs".

2. Bħala segwitu għas-sejħa tal-Mexxejja, il-Kummissjoni ressqet diversi pakketti "Omnibus", bl-għan li tissimplifika l-leġislazzjoni eżistenti f'diversi oqsma, billi tibda bir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta u ċerti programmi ta' investment tal-UE, u tissokta b'miżuri ta' simplifikazzjoni għall-agrikoltura, id-diġitalizzazzjoni u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, id-difiża u l-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.
3. Fil-Kunsill, ġie stabbilit korp preparatorju orizzontali apposta, is-Sottogrupp Antici (Simplifikazzjoni), li jopera taħt il-Kunsill Affarijiet Ġenerali. Il-korp preparatorju jmexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-proposti tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni tal-pakketti omnibus, kif ukoll – fuq deċiżjoni tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti – dwar proposti oħra tal-Kummissjoni primarjament immirati lejn is-simplifikazzjoni fil-kuntest tat-tiżni tal-kompetittività tal-UE.
4. Wara l-impetu mill-Presidenza Pollakka, il-Presidenza Daniża kienet qed tittratta l-proposti ta' simplifikazzjoni Omnibus attwali kollha bħala prijorità ewlenija u kienet qed tavvanza l-eżami tagħhom, it-tnejn tal-mandati ta' negozjar u tan-negozjati mal-Parlament Ewropew b'ritmu mgħaġġel.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Omnibus I

5. Fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ressqet l-ewwel pakkett "**Omnibus**", li għandu l-għan li jissimplifika l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (CSRD)¹ u r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta (CS3D)². Il-pakkett kien jinkludi l-hekk imsejħa proposta dwar il-mekkaniżmu ta' posponiment, li tipposponi d-dati minn meta l-Istati Membri jridu japplikaw ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u dawk ta' diliġenza dovuta. Barra minn hekk, dan il-pakkett Omnibus I kien fih proposta għas-simplifikazzjoni u t-tiħi tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM)³.
6. **"It-test dwar il-mekkaniżmu ta' postponiment" dwar is-CSRD u s-CS3D ġie adottat**, b'ebda bidla għall-proposta tal-Kummissjoni, fl-14 ta' April 2025 u ppubblikat fis-16 ta' April 2025⁴, bis-saħħa ta' proċedura rapida applikata bl-akbar prijorità miż-żewġ koleġiżlaturi.
7. Taħt il-Presidenza Pollakka, id-diskussjonijiet dwar id-**Direttiva proposta dwar il-"kontenut"** li tissimplifika ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u ta' diliġenza dovuta tmexxew 'il quddiem b'mod kostanti fi 13-il laqgħa tal-Grupp Antici dwar is-Simplifikazzjoni (AGS) u permezz ta' gwida mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti. Dan ippermetta li jintlaħaq **mandat ta' negozjar fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-23 ta' Ġunju 2025**⁵.

¹ Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15–80, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj>).

² Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859 (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52–104, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj>).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2025/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2025 li temenda d-Direttivi (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward tad-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u ta' diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva (ĠU L, 2025/794, 16.4.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/794/oj>).

⁵ ST 10276/25.

8. Dwar is-CSR, il-Kummissjoni pproponiet li żżid il-livell limitu tal-impjegati għal 1 000 impjegat u li tneħħi l-SMEs elenkati mill-kamp ta' applikazzjoni. Biex ikompli jittaffa l-piż tar-rapportar fuq l-impriżi, il-mandat tal-Kunsill żied limitu tal-fatturat nett ta' aktar minn EUR 450 miljun. Il-mandat tal-Kunsill introduċa wkoll klawżola ta' rieżami dwar estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, il-mandat tal-Kunsill qabel li jiġu ssimplifikati d-dispożizzjonijiet rigward l-assigurazzjoni.
9. Dwar is-CS3D, filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ma kienx kopert mill-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill żied il-limiti għal 5 000 impjegat u fatturat nett ta' EUR 1.5 biljun (minn 1 000 impjegat u fatturat nett ta' EUR 450 miljun) bħala pass ulterjuri ta' simplifikazzjoni. Dwar l-identifikazzjoni tal-impatt negattiv, bħala regola, il-proposta tal-Kummissjoni llimitat ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta għall-operazzjonijiet proprji ta' kumpanija, dawk tas-sussidjarji tagħha, u dawk tas-sħab kummerċjali diretti tagħha ("livell 1"). Filwaqt li l-mandat tal-Kunsill iżomm il-limitazzjoni tal-obbligi rilevanti għal-"livell 1", dan jibdel l-enfasi minn approċċ ibbażat fuq l-entità għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jiffoka fuq oqsma fejn l-impatti negattivi reali u potenzjali huma l-aktar probabbli li jseħħu. Sabiex jipproteġi l-oġettivi ta' politika, il-mandat tal-Kunsill jiżgura li l-obbligi ta' identifikazzjoni u ta' valutazzjoni jiġu estiżi f'każ ta' informazzjoni oġġettiva u verifikabbli li tissuġġerixxi impatti negattivi lil hinn mis-sħab kummerċjali diretti. Barra minn hekk, il-mandat tal-Kunsill iżid klawżola ta' rieżami relatata ma' estensjoni possibbli ta' dawn l-obbligi lil hinn mill-"livell 1". Il-Kunsill illimita l-obbligu għall-kumpaniji għall-adozzjoni ta' pjan ta' tranżizzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u ppospona l-obbligu li dawn il-pjanijiet jiġu adottati b'sentejn. Dwar ir-responsabbiltà ċivili, il-Kunsill qabel mal-proposta mill-Kummissjoni biex jitneħħew il-kundizzjonijiet ta' responsabbiltà armonizzati tal-UE u biex jiġu posposti d-diversi reġimi nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili.
10. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI). Ir-rapporteur huwa Jürgen Warborn (PPE, SE). Il-Parlament Ewropew skedat li jadotta l-pożizzjoni tiegħu fil-plenarja ta' Ottubru II. Il-Presidenza Daniża tinsab lesta li tibda n-negozjati dwar il-fajl malajr kemm jista' jkun.

11. Il-ħidma fuq il-proposta ta' **simplifikazzjoni tas-CBAM** tlestiet. It-test finali tar-Regolament ġie **adottat mill-Kunsill fid-29 ta' Settembru 2025⁶, wara l-vot mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Settembru 2025**. Ir-Regolament ifittex li jipprovi simplifikazzjoni u titjib fil-konformità li jiffranka kostijiet għar-Regolament CBAM, filwaqt li l-ambizzjoni klimatika wara l-mekkaniżmu CBAM għadha ma nbidlitx. Essenzjalment, dan ir-Regolament inaqqas il-piż amministrattiv għall-importaturi mill-obbligi tas-CBAM billi teżenta lil dawk l-importaturi li ma jaqbżux il-limitu uniku bbażat fuq il-massa (ikkalkulat bħala massa kumulattiva għal kull importatur fis-sena), stabbilit flivell ta' 50 tunnellata ta' oġġetti importati. Dan il-limitu ta' eżenzjoni ġdid jissostitwixxi l-limitu attwali bbażat fuq il-valur ta' EUR 150 għal kull kunsinna. Barra minn hekk, ir-Regolament fih għadd ta' simplifikazzjonijiet oħra għall-importaturi kollha ta' oġġetti CBAM 'il fuq mil-limitu.

Omnibus II

12. L-**Omnibus II** jinkludi l-proposta għal Regolament ta' simplifikazzjoni fir-rigward ta' InvestEU. L-għan tal-proposta inizjali huwa li timmobilizza EUR 50 biljun f'investiment pubbliku u privat addizzjonali b'appoġġ għal ċerti politiki tal-Unjoni, inkluż il-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa, il-politika industrijali tad-difiża, l-attivitajiet b'użu doppju u l-mobbiltà militari.

13. Wara eżami rapidu fis-Sottogrupp Antici (Simplifikazzjoni) matul sitt laqgħat, fis-16 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar il-mandat ta' negozjar tal-Kunsill⁷.

14. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl jaqa' taħt ir-responsabbiltà konġunta tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) u l-Kumitat għall-Baġits (BUDG). Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu f'Lulju 2025.

⁶ PE-CONS 21/25.

⁷ ST 7882/25.

15. In-negozjati interistituzzjonali bdew bl-ewwel trilogu fit-2 ta' Settembru 2025. It-tieni trilogu sar fit-23 ta' Settembru 2025. **Fit-23 ta' Settembru 2025, intlaħaq qbil proviżorju** bejn il-koleġislaturi, li rriżulta fit-test ta' kompromess finali.
- Fit- 8 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali** u baġat l-ittra tas-soltu lill-Parlament Ewropew⁸.
16. Il-bidliet ewlenin fit-test ta' kompromess finali meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni jikkonċernaw żieda tal-garanzija tal-UE b'EUR 400 miljun għal EUR 2.9 biljun, bl-użu ta' fondi eżistenti magħmula disponibbli permezz ta' rimborżi minn riżervi ta' proviżjonament għat-telf. Matul l-aħħar trilogu ntlaħaq ftehim dwar il-possibbiltà ta' żieda limitata (sa EUR 200 miljun) fl-użu ta' rimborżi eżistenti minn InvestEU u l-programmi predeċessuri tiegħu. Saru wkoll bidliet fid-definizzjoni ta' SME bl-inklużjoni ta' kriterju tal-fatturat, mingħajr ma ġew introdotti obbligi ġodda ta' awtorappurtar (eż. l-ebda dikjarazzjoni addizzjonali); u għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ (KPMIs) billi jiġu inklużi mill-ġdid żewġ indikaturi mmirati (għadd ta' impjiegi, objettivi klimatiċi), bil-limitu ta' rapportar propost li jżied għal EUR 300 000 biex jiġi ppreservat l-effett ta' simplifikazzjoni ġenerali.

Omnibus III

17. Il-**pakkett Omnibus III** ġie propost fl-14 ta' Mejju 2025 biex jissimplifika l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-agrikoltura. Il-pakkett fih emendi għal tnejn mit-tliet atti leġiżlattivi bażiċi li jstabbilixxu regoli għall-Politika Agrikola Komuni (PAK), jiġifieri r-regolament dwar il-pjan strateġiku⁹ (SPR) u r-regolament "orizzontali"¹⁰.

⁸ ST 13402/25

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1–186, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj>)

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187–261, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj>)

18. Il-proposta ġiet ippreżentata fis-Sottogrupp Antici (Simplifikazzjoni) f'Mejju u ġiet eżaminata aktar f'sitt laqgħat matul Ġunju u Lulju. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva **I-mandat ta' negozjar** fit-3 ta' Settembru¹¹, li kien appoġġat mid-delegazzjonijiet kollha.
19. Il-mandat ta' negozjar iżomm id-direzzjoni ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni, bl-għan li jitħaffef il-piż amministrattiv għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet u jitnaqqsu l-kontrolli, jiżdiedu l-pagamenti lill-bdiewa żgħar u jiġu ssimplifikati r-regoli dwar il-kundizzjonalità, b'mod partikolari għall-azjendi agrikoli organiċi, u jitnaqqsu l-verifiki fuq il-post u titħassar l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni.
20. Il-pożizzjoni żżomm il-proposta tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lil bdiewa attivi li jintlaqtu minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Tali pagamenti ser jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola tal-bdiewa milquta. Madankollu, il-mandat ibiddel ċerti elementi tal-proposta tal-Kummissjoni billi tagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà biex jiddeċiedu sa liema punt jista' jitqies li azjendi agrikoli parzjalment organiċi jissodisfaw ċerti standards ambjentali, b'hekk itejbu l-possibbiltà li l-bdiewa jibbenefikaw minn għodod għall-ġestjoni tar-riskju u jżidu r-rata perċentwali għal pagamenti diretti avanzati, itejbu l-possibbiltà li l-istati membri jassistu lill-bdiewa milquta, pereżempju, minn diżastri naturali.
21. Il-Parlament Ewropew ittratta l-fajl bħala prijorità wkoll u ddeċieda li jipproċedi bi proċedura simplifikata. Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) huwa responsabbli għall-fajl, b'André Rodrigues (S&D) maħtur bħala rapporteur. Il-votazzjoni fil-kumitat saret fl-24 ta' Settembru, li skont il-proċedura simplifikata tippermetti li n-negozjati jibdedew mill-iktar fis possibbli. Wara l-votazzjoni fil-Plenarja tal-PE fit-8 ta' Ottubru, issa bdedew in-negozjati bi proċess li jinkludi laqgħat tekniċi informali u l-ewwel u possibbilment it-trilogu finali fis-17 ta' Ottubru.

¹¹ ST 11755/2/25 REV2 + COR1.

Omnibus IV

22. Il-**pakkett Omnibus IV**, propost fil-21 ta' Meju 2025, fih ħames proposti leġiżlattivi: żewġ proposti li għandhom l-għan li jestendu ċerti miżuri ta' mitigazzjoni għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għal intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs), żewġ proposti dwar id-diġitalizzazzjoni u l-allinjament ta' speċifikazzjonijiet komuni, u proposta dwar il-mekkaniżmu ta' posponiment dwar ċerti obbligi rigward id-diliġenza dovuta b'rabta mal-batteriji.
23. Ir-**Regolament u d-Direttiva proposti dwar l-SMCs** jemendaw diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni billi jestendu ċerti miżuri ta' mitigazzjoni u ta' appoġġ previsti fl-atti leġiżlattivi inizjali għall-SMEs għall-SMCs ukoll, flimkien ma' aktar miżuri ta' simplifikazzjoni. L-objettiv ewlieni ta' dawn il-bidliet huwa li jiġi evitat li l-intrapriżi li jissuperaw l-istatus tagħhom bħala SME jiffaċċaw żieda f'daqqa u drammatika fil-piżijiet amministrattivi, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi għal tali kumpaniji u jiġu appoġġati t-tkabbir u l-innovazzjoni tagħhom. Il-proposta tinkludi wkoll aktar miżuri ta' simplifikazzjoni, b'has-simplifikazzjoni, u l-estensjoni għall-SMCs, tal-eżenzjoni eżistenti mill-obbligi taż-żamma tar-rekords fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)¹² u t-tħaffif ta' ċerti obbligi ta' rapportar fir-Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji¹³. Ir-**Regolament u d-Direttiva dwar id-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni** jsegwu strateġija usa' biex tingħata prijorità lill-formati diġitali bl-għan li jiġu eliminati r-rekwiżiti fuq karta stampata fil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti. Barra minn hekk, il-proposti jintroduċu l-possibbiltà li l-Kummissjoni tistabbilixxi, permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja, "speċifikazzjonijiet komuni" biex jingħata xhieda tal-konformità ta' prodott mar-regoli tal-UE f'sitwazzjonijiet fejn ma jeżistux standards armonizzati. It-**test dwar "il-mekkaniżmu ta' postponiment"** dwar ċerti obbligi ta' diliġenza dovuta għall-batteriji jestendi l-iskadenza għall-konformità ma' dawk ir-regoli b'sentejn, mill-2025 sal-2027.

¹² Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1-117, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj>).

24. Is-Sottogrupp Antici (Simplifikazzjoni) eżamina l-proposti tal-Kummissjoni matul tmien laqgħat minn Mejju sa Settembru 2025. Wara proċedura rapida applikata bl-akbar prijorità miż-żewġ koleġiżlaturi, it-test **dwar il-mekkaniżmu ta' posponiment dwar ċerti obbligi ta' diliġenza dovuta għall-batteriji ġie adottat fit-18 ta' Lulju 2025**¹⁴ mingħajr ebda bidla għall-proposta tal-Kummissjoni.
25. Fis-17 ta' Settembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti pprovda gwida għal aktar ħidma dwar ir-Regolament u d-Direttiva proposti dwar l-SMCs. Sussegwentement, **fl-24 ta' Settembru, il-Kumitat qabel dwar mandat għal negozjati** mal-Parlament Ewropew dwar iż-żewġ proposti dwar id-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni u ż-żewġ proposti dwar l-SMCs¹⁵.
26. Il-bidliet ewlenin fil-mandat tal-Kunsill meta mqabbla mal-proposti dwar l-SMCs jikkonċernaw żieda fid-daqs massimu tal-intrapriżi li jitqiesu bħala SMCs, għal inqas minn 1000 impjegat u fatturat annwali li ma jaqbix il-EUR 200 miljun jew total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbix il-EUR 172 miljun. Bidliet ulterjuri jinkludu kjarifiki fir-rigward tal-emendi għall-GDPR, ir-Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, u r-Regolament dwar il-gassijiet F¹⁶. Għal speċifikazzjonijiet komuni, il-mandat tal-Kunsill jallinja t-test mal-approċċ maqbul mill-koleġiżlaturi fir-Regolament dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli¹⁷ aktar kmieni din is-sena. Għad-diġitalizzazzjoni, il-mandat tal-Kunsill jintroduċi wkoll aktar kjarifiki dwar il-kunċett ta' "kuntatt diġitali" u aċċess għal informazzjoni disponibbli b'mod diġitali.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2025/1561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki ta' diliġenza dovuta tal-batteriji (ĠU L, 2025/1561, 30.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1561/oj>).

¹⁵ ST 13223/25 + ADD1; ST 13224/25; ST 13232/25; ST 13233/25.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 (ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj>).

¹⁷ Id-dok. 10091/25.

27. Fil-Parlament Ewropew, ir-Regolament dwar l-SMCs ġie allokat lill-kumitati konġunti għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), filwaqt li d-Direttiva ġiet allokata lill-kumitati konġunti ECON u LIBE. Ir-rapporteurs huma Mariateresa Vivaldini (ECR) għal ECON, Lukas Mandl (PPE) (ir-Regolament) u Kristian Vigenin (S&D) (id-Direttiva) għal LIBE u Niels Flemming Hansen (PPE) għal ENVI. Ir-Regolament u d-Direttiva dwar id-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni ġew allokat lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) b'Reinier van Lanschot (Ħodor/ALE) bħala rapporteur kemm għad-Direttivi kif ukoll għar-Regolamenti emendatorji. Il-Presidenza Daniża tinsab lesta li tinvolvi ruħha fi trilogi hekk kif il-Parlament Ewropew ikun iddetermina l-pożizzjoni tiegħu.

Omnibus V

28. Il-**pakkett Omnibus V**, li jiffoka fuq il-Prontezza tad-Difiża, ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2025. Dan jinkludi proposti ta' simplifikazzjoni f'leġislazzjoni u programmi speċifiċi għad-difiża u mhux. B'mod partikolari, dan jinkludi proposti għal żewġ Regolamenti u Direttiva kif ukoll abbozzi ta' Regolamenti Delegati li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-investimenti fil-qasam tad-difiża u l-kundizzjonijiet għall-industrija tad-difiża u jissimplifikaw l-akkwist fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża.

29. L-Omnibus jiċċara l-aktar il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE, jintroduċi diversi "soluzzjonijiet ta' malajr" u jipproponi aċċellerazzjoni dwar l-għoti tal-permessi b'rabta ma' proġetti ta' prontezza tad-difiża. L-objettiv huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex l-investimenti fil-mezzi ta' difiża jiġu antiċipati, filwaqt li tingħata l-prevedibbiltà meħtieġa lill-industrija u titnaqqas il-burokrazija. Il-pakkett ikopri miżuri fl-oqsma ssottolinjati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025, li appellaw għal omnibus ta' simplifikazzjoni speċifiku għad-difiża: li jimmobilizza l-finanzjament privat għall-industrija tad-difiża, l-akkwist pubbliku, il-kooperazzjoni fl-industrija, u r-rekwiżit għall-għoti ta' permessi u għar-rappurtar.

30. Il-fajl għe ttrattat bl-akbar prijorità u eżami bir-reqqa tal-proposti fis-Sottogrupp Antici (Simplifikazzjoni) mexa 'l quddiem bil-ħeffa. Mill-preżentazzjoni inizjali f'Ġunju, l-AGS kellu 10 diskussjonijiet tematiċi u f'Settembru beda jeżamina wkoll il-proposti ta' kompromess tal-Presidenza. Il-ħidma intensa ser tkompli wkoll matul il-ġimgħat li ġejjin f'Ottubru. Fil-15 ta' Ottubru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistenni jagħti gwida dwar tliet kwistjonijiet tematiċi.
31. Min-naħa tal-Parlament Ewropew, il-proposta għal Regolament dwar l-għoti ta' permessi għet allokata lill-kumitati għas-Sigurtà u d-Difiża (SEDE) u IMCO, bir-rapporteurs Lucia Yar (Renew) u Henrik Dahl (PPE). Il-fajl dwar il-prontezza tad-difiża għe allokat lill-kumitati konġunti SEDE, ENVI u Industrija, Riċerka u Enerġija (ITRE), bir-rapporteurs għadhom ma nħatrux. Il-proposta dwar it-trasferimenti intra-UE u s-simplifikazzjoni tal-akkwist fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża għet allokata lill-kumitati SEDE u IMCO bir-rapporteurs Pekka Toveri (PPE) u Anna-Maja Henriksson (Renew).

Omnibus VI

32. Il-Kummissjoni ressqet il-**pakkett Omnibus VI** fit-8 ta' Lulju 2025. Din fiha żewġ proposti: proposta dwar mekkaniżmu ta' posponiment rigward id-dati ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-Regolament rivedut dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ ta' Sustanzi Kimiċi (ir-Regolament CLP)¹⁸, u proposta għas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi fir-Regolament CLP, fir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi¹⁹, u fir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti²⁰.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L, 2024/2865, 20.11.2024).

¹⁹ Ir-Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (riformulazzjoni) (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59–209, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1223/oj>).

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1-114, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj>).

33. L-għan tal-pakkett huwa li jissimplifika r-regoli tat-tikkettar għas-sustanzi kimiċi perikolużi u ċerti regoli għall-kożmetiċi kif ukoll jiffaċilita r-reġistrazzjoni għall-prodotti fertilizzanti fl-UE. Dan mistenni jwassal għal iffrankar sinifikanti għall-industrija tas-sustanzi kimiċi.
34. Wara proċedura aċċellerata, fl-24 ta' Settembru l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar **mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew dwar il-proposta dwar mekkaniżmu ta' posponiment** biex jiġu emendati ċerti skedi ta' żmien fir-Regolament CLP²¹ mingħajr ebda bidla għall-proposta tal-Kummissjoni. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl ġie allokat lill-Kumitat ENVI. Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jittratta l-fajl bħala prijorità wkoll, u b'hekk jippermetti adozzjoni rapida.
35. It-tieni proposta fil-pakkett, dwar is-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għal prodotti kimiċi, ġiet diskussa fis-Sottogrupp Antici (Simplifikazzjoni) f'erba' laqgħat matul Lulju u Settembru u f'Ottubru bdew id-diskussjonijiet dwar it-testi ta' kompromess tal-Presidenza. Ladarba l-ħidma fl-AGS tkun irriżultat f'test ta' kompromess stabbli, il-Presidenza biħsiebha tippreżenta l-fajl lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti għal mandat biex jinbdew negozjati mal-Parlament Ewropew.
36. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl ġie allokat b'mod konġunt lill-Kumitati ENVI u IMCO, filwaqt li l-proposta dwar mekkaniżmu ta' posponiment ġiet allokata lill-Kumitat ENVI. Ir-Rapporteurs għadhom ma nħatrux.

III. KONKLUŻJONI

37. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress u jibagħtu lill-Kunsill.

²¹ ST 13267/25.